**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Stephen Mamo**

Numru: 62/2014

Illum 20 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Stephen Mamo,** ta' tnejn u erbghin (42) sena, iben Joseph u Loreta nee' Agius, imwieled Attard, Malta fis-7 ta' Ottubru 1971, residenti fil-fond 'White Pearl', Flat 2, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 466871(M), akkuzat talli nhar il-15 ta' Lulju 2014, ghall-habta ta' 20.50hrs, waqt li kien qieghed gewwa residenza 'White Pearl', Flat 2, li tinsab fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, Ghawdex u/jew fil-vicanzi;

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma tixtieqx l-vjolenza pubblika kontra PS 581 Loreto Buttigieg u

PC 781 Anthony Zammit, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 581 Loreto Buttigieg u PC 781 Anthony Zammit, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza' fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan ai terminu tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna PS 581 Loreto Buttigieg hekk kif iccertfika Dr. Coronato Grech M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma' obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 581 Loreto Buttigieg u PC 781 Anthony Zammit persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U aktar talli nhar il-15 ta' Lulju 2014, fi x'hin bejn 20.30 u 20.50hrs qabad arma u cioe' sikkina kontra martu Tania Mamo;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' martu Tania Mamo u ibnu Matthew Mamo sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmilhom hsara;

8. U aktar talli nhar il-15 ta' Lulju 2014 u fil-gimghat ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer hedded bil-fomm u b'mezzi ohra lill-istess Tania

Mamo u lill-familja taghha b'delitt, fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

**9.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi talli ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut jew xorta ohra naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas- sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew mill-imsemmi apparat u dan bi ksur tal-Artiklu 18 tal- Kapitolu 9 u Artikolu 35 (1) (D) tal-Kapitolu 339 tal- Ligijiet ta Malta;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi gab ruhek b'mod li ta fastidju lil martek Tania Mamo u l-familja taghha u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dan kien qed ikun ta' fastidju ghall dik il-persuna;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Tania Mamo u l-familja taghha biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artiklu 222(1) Kap 9 Art 251 B(1);

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi hu kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta jew tal-Qorti ta' Ghawdex, liema sentenzi saru definitivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Tania Mamo, Matthew Mamo u Melanie Mamo, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 581 Loreto Buttigieg, PC 781 Anthony Zammit, Tania Mamo, Matthew Mamo u

Melanie Mamo u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 136) datata 18 ta' Jannar 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat Stephen Mamo biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikoli 95, 96, 214, 215, 221, 222(1)(c), 338(dd), 338(ee), 339(1)(d), 249(2), 251A, 251B, tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 383, 384, 385, 412C, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 137), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Jannar 2016, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet, fis-seduta tal-lum, lil mart l-imputat tiddikjara li llum ir-relazzjoni taghhom hija wahda tajba u jghixu flimkien fil-paci tal-familja u rrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Semghet sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief ssibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mis-sitt (6), mis-seba′ (7), mit-tmien (8), mid-disa′ (9), mill-ghaxar (10) u mill-hdax (11)-il imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu *stante* rinunzja, fuq ammissjoni, wara li rat in-Nota ta′ Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 18 ta′ Jannar 2016 u senjatament Artikoli 95, 96, 338(ee), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, issibu hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba′ (4), tal-hames (5) u tat-tnax (12)-il imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b′applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata.

In oltre, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta′ multa komplessiva ta′ elf ewro (€1000).

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**